minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

# 'Waiting for Tomorrow'

## L-album debuttanti ta' Gianluca Bezzina

Lejn tmiem ix-xahar l-iehor, ghall-arja sajfija ta' filghaxija, iltqajna fuq bejt fi Triq Nofsinhar. Harstek tmur fuq is-sbuhija arkitettonika tal-Belt, il-port mimli storja u fix-xaqliba l-ohra konkos, konkos u konkos. Kien propju waqt it-tnedija tal-album debuttanti ta' Dr Feelgood – Gianluca Bezzina – bit-titlu *Waiting for Tomorrow.*

Ghalkemm Gianluca kien ilu sena jipproġetta dan l-album, is-suċċess miksub fl-ahhar edizzjoni tal-Eurovision Song Contest stimulatu sew biex ikompli jahdem fuq dan il-proġett. Gianluca Bezzina u Malta ġew klassifikati fit-8 post kif ukoll suċċess f'bosta charts Ewropej, fosthom it-*Top 40 Singles Chart* fl-Ingilterra, klassifikat fis-37 post, xi haġa li kienet l-ewwel darba ghal-artist lokali li jaghmel dan. Il-*video* uffiċjali ta' din is-*single* ikompli jippromwovi l-kariżma ta' Bezzina u lil Malta ma' dawk li rawh fuq is-sit tal-*Youtube* li s'issa lahaq il-miljun viżitatur.

Gianluca Bezzina hareġ dan l-album bhala solista. Fil-passat hu hareġ tliet *singles* mal-band Funk Initiative. Il-hoss u l-istil ta' Gianluca hu miktub u prodott minn Boris Cezek u Dean Muscat li wkoll kitbu s-song *Tomorrow. Waiting for Tomorrow* jiġbor fih 10 *tracks* li ġew rekordjati fid-Doyaya Studios u mahruġ minn *label* indipendenti fl-Ingilterra.

Kif sostna Boris Cezek waqt it-tnedija, dan l-album tfassal speċifikament ghal vuċi u stil uniku ta' Gianluca, li jikkombina tajjeb l-istil retro u element ferriehi fil-*pop* tas-sittinijiet, *swing* u *blue eyed soul*, stil li diġà hu sinonimu mieghu. "Ahna dejjem emminna fil-potenzjal ta' Gianluca u ninsabu ferm kburin meta narawh jiżviluppa artistikament. *Waiting for Tomorrow* hu biss il-bidu tas-suċċess" jistqarr Dean Muscat.




Min-naha tieghu, Alex Cuschieri, iċ-*chairman* ta' Calamatta Cuschieri li tispeċjalizza f'servizzi finanzjarji, qal li l-kumpanija tinsab kburija li qed tinvesti fis-suċċess ta' Gianluca. "Bhala kumpanija ta' investiment, nemmnu li ghandna ninkoraġġixxu liż-żghażagh ikomplu jippjannaw ghal ghada u nahsbu li Gianluca hu l-eżempju biex iwassal dan il-messaġġ", jirrimarka Cuschieri.

### Toħroġ il-kariżma ta' Gianluca

L-album fih messaġġi pożittivi kif wiehed jistenna mill-kariżma tal-artist u mill-gheruq tieghu. Barra l-mużika ta' Cezek u Muscat, f'*Walk on Blind* u *Light me Up* hemm il-kollaborazzjoni mużikali ma' Kris Spiteri u David Mackeeg rispettivament. F'*Perfectly in tune*, hemm is-sehem tajjeb ta' Louise Ann Tate li jikkombina tajjeb il-passaġġi fuq il-kordi minn Jacob Portelli.

Il-*backing vocals* f'dawn it-*tracks* huma ta' Janice Debattista. Iż-żewġ kantanti femminili nafuhom mal-band Kristjana Salt, l-istess jinghad ghall-pjanista Joe Gauci li daqq f'*High & Away* – wahda mit-tracks l-aktar interessanti ghal-aspett armoniku mill-kor gospel ta' Pamela Bezzina. L-armonija vokali hija wkoll evidenti f'*Perfect.*

L-atmosfera hajja f'hafna mid-diski f'dan l-album jaghtu dimensjoni tal-*feelgood* ta' Bezzina. Il-komportament tal-istrumenti tar-ram f'songs bhal *Count me in* li fiha s-sehem tal-keyboardista Mark Attard; *I'll be there* u *Happy Song* – l-aktar song mexxejja u ferrieha, kif jixhed isimha, jaghmel dan il-materjal aktar retrospettiv ghall-era tas-sittinijiet.

Mill-bejgh minn dan l-album, se tgawdi *CC Cancer Fund* li ġiet imwaqqfa bhala kampanja ta' kollaborazzjoni ma' Gianluca ghall-prevenzjoni tal-kanċer fost iż-żghażagh, inkluż xiri ta' apparat mediku u inizjattivi ohra. Fil-fatt, ewro minn kull CD-album li jinbiegh se jmur ghal dan il-font u l-ammont se jiġi rduppjat minn Calamatta Cuschieri.

*Waiting for Tomorrow* qed ikun disponibbli kemm fil-format fiżiku ta' CD-album kif ukoll fil-format diġitali.

Matul dan is-sajf, Gianluca kien mistieden f'bosta attivitajiet biex jippromwovi dan l-album, fosthom il-kunċert tal-*Isle of MTV*, il-Farsons Beer Festival, Ghaxaq Music Festival matul il-ġimgha li ghaddiet u s-sehem fil-kunċert prestiġjuż ta' Joseph Calleja li mieghu interpreta b'artistrija *Xemx* tat-Tramps. Fis-17 ta' Awwissu se jkanta fiż-Żebbuġ, Ghawdex.

Aktar dettalji ara l-paġna ta' facebook ta' Gianluca.

Ma setax ikun ahjar li dan l-artiklu jkun pubblikat illum, proprju meta l-Ħamruniżi qed jiċċelebraw il-festa ta' San Gejtanu. L-Ghaqda tal-Mużika ta' San Gejtanu (tat-Tamal) taf il-bidu taghha bis-sahha ta' Francesco Buttigieg li oriġinarjament kien idoqq mal-Banda ta' San Ġużepp iżda minhabba xi diżgwid telaq u wara kien fundamentali biex twaqqfet l-Ghaqda Mużikali ta' San Gejtanu. Francesco Buttigieg hu l-bużnannu ta' Gianluca. Gaetano Buttigieg, iben Francesco, kien maghruf bhala 'Gaetano Kanta' ghax fil-hamsinijiet u s-sittinijiet kien johroġ kotba żghar b'kanzunetti maghrufa li hu kien jaghmel it-traduzzjoni ghall-ilsien Malti u kemm-il darba bbaża l-versi fuq suġġetti attwali lokali. 'Gaetano Kanta' hu n-nannu ta' Gianluca Bezzina.



*Ira Losco tkanta ma' Errol Sammut ta' Airport Impressions*

# Suċċess għall-*Għaxaq Music Festival*

L-*Ghaxaq Music Festival* kien suċċess hajr ghall-organizzazzjoni habrieka mill-Kumitat u l-hafna żghażagh li b'dinamiżmu jahdmu matul is-sena kollha minghajr hlas.

Suċċess kien dovut ukoll ghall-parteċipazzjoni numeruża tal-pubbliku f'kull lejla li nżammet, mis-serata tal-ghana, ghall-kunċert ta' Ira Losco u Airport Impressions kif ukoll il-kunċert ta' Johnny Logan u Gianluca Bezzina. L-atmosfera kienet hajja.

Fil-kunċert ta' nhar is-6 ta' Awwissu, Ira Losco u l-*band* taghha tatna numru ta' diski maghrufa mir-ripertorju taghha, inkluż materjal mill-ahhar album *Fire* kif ukoll xi *covers* interessanti, fosthom *L-Ahhar Bidwi f'Wied il-Ghasel* tan-New Cuorey li ftit tas-snin ilu kien ħariġha wkoll Claudio Baglioni. F'din l-ahhar sena, Ira kompliet tikseb suċċess permezz ta' tliet singles: *What I'd Give, The Person I Am* u *Me Luv You Long Time.*

Wara, Airport Impressions inghaqdu ma' Ira fejn il-kollaborazzjoni kienet kompatta u mimlija enerġija. Din kienet evidenti fil-*covers* li kienu apprezzati sew minn dawk li honqu l-grawnd ta' Ħal Ghaxaq.

Airport Impressions, li bhalissa qed jahdmu fuq it-tieni album flimkien ma' Howard Keith, liema materjal mistenni jara d-dawl ftit tax-xhur ohra, tawna bosta numri popolari u xi materjal ġdid li mistenni jkun inkluż f'dan l-album, fosthom *Berlin*, *Wishing Well* u *Starsigns*, materjal interessanti li żgur jawgura tajjeb.

Il-hoss f'dan il-kunċert kien ta' min ifahhru. Intant, Ira Losco se tkanta fis-17 ta' Awwissu fiż-Żebbuġ, Ghawdex, u fil-31 ta' dan ix-xahar f'Ħaż-Żabbar.